# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 13 ta' April 2018**

**Numru 2**

**Rikors maħluf numru 775/2014 JPG**

***Cassar Fuel Limited C Reg 28453***

***v.***

***MV Madra IMO8918710*; u b'dikriet tat-22 ta' Jannar 2015 inħatru l-Avukat Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello bħala kuraturi deputati sabiex jidhru f'isem l-istess bastiment**

1. Dan huwa appell tal-bastiment konvenut minn dikriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar 2017 li ordna s-sejħa ta' terzi fil-kawża. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Is-soċjetà attriċi fetħet il-kawża tallum biex titlob il-ħlas tal-prezz ta' karburant konsenjat lill-bastiment konvenut. Qabel fetħet il-kawża l-

attriċi kienet kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' arrest[1] kontra l-bastiment iżda dan ħarab mit-territorju malti minkejja l-mandat. Imbagħad infetħet din il-kawża u nħatru kuraturi biex jidhru għall-bastiment.

3. Il-kuraturi ressqu eċċezzjoni, fost oħrajn, ta' "nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qrati maltin peress li l-bastiment ma kienx jinsab fl-ibħra territorjali maltin fid-data tal-preżentata tal-kawża" u wkoll eċċezzjoni ta' "irritwalità tal-azzjoni *in rem*".

4. Is-soċjetà attriċi mbagħad, b'rikors tal-4 ta' Novembru 2015, talbet is-sejħa fil-kawża tas-sid tal-bastiment, tal-operatur u tal-kaptan. Bid-dikriet tas-16 ta' Jannar 2017, li minnu sar dan l-appell, l-ewwel qorti laqgħet it-talba u ordnat is-sejħa fil-kawża għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Il-kwistjoni odjerna tirrigwarda talba intavolata mis-soċjetà rikorrenti għal kjamata in kawża tas-soċjetà *Madra Marine Co. Ltd*, u *cioè* s-sid tal-bastiment intimat, lill-Kaptan Ali Yilmaz u lis-soċjetà *Jupiter Shipping and Trading Limited*, l-operatriċi tal-bastiment, li skont is-soċjetà rikorrenti kienet direttament involuta fl-ordni tal-*fuel* meritu tat-talbiet ta' din il-kawża. Din t-talba saret wara li l-basiment ħarab mill-ibħra territorjali bi ksur ta' mandat ta' arrest.
>
> »Il-bastiment intimat ikkontesta din it-talba u argumenta illi t-talba tas-soċjetà rikorrenti ma tistax tiġi milqugħa għaliex l-azzjoni prinċipali hija wahda *in rem* u għalhekk l-eċċezzjoni dwar il-ġurisdizzjoni sollevata ma tistax tiġi ssanata bir-rikors intavolat mis-soċjetà rikorrenti peress illi dan jibdel in-natura tal-azzjoni minn waħda *in rem* għal waħda *in personam*.
>
> »Il-qorti ma tistax tikkondividi l-argument tal-bastiment intimat. Il-kjamata in kawża tal-persuni elenkati fir-rikors tas-soċjetà rikorrenti m'hijiex ser tbiddel in-natura tal-azzjoni għall-bastiment intimat, fir-rigward tal-liema din l-azzjoni xorta ser tibqa' wahda *in rem*. Dak li jiġri bil-kjamata in kawża ta' dawn il-persuni huwa illi l-azzjoni ssir waħda mista, u *cioè* azzjoni *in rem* kontra l-bastiment, u azzjoni *in personam*

[1] Mandat numru 1262/2014.

kontra l-persuni elenkati. Kif jidher mill-ġurisprudenza nostrali[2], dan huwa legalment possibli. … … …

»… … …

»Huwa ċar … illi l-kjamata in kawża tal-persuni elenkati fir-rikors tas-soċjetà rikorrenti hija possibli, u m'hijiex ser tbiddel in-natura tal-azzjoni fil-konfront tal-bastiment intimat, u dana kollu apparti r-responsabilità *in solidum* tal-persuni indikati fl-artikolu 865 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Il-qorti tagħraf ukoll illi f'dawn iċ-ċirkostanzi r-rifjut tat-talba tas-soċjetà rikorrenti jkun ifisser illi l-qorti qed tippremja lil min ivvjola ordni ta' dawn il-qrati u lil min ħarab minn Malta bi ksur tal-liġijiet tal-pajjiż. Din il-qorti ċertament mhiex ser tkun parteċipi f'tali aġir.

»… … …

»F'dan il-każ, il-bastiment intimat ma ressqet l-ebda raġuni għalfejn il-persuni msemmija m'għandhomx jiġu kjamati in kawża, għajr il-kwistjoni tas-sura tal-azzjoni li ġiet trattata iktar 'il fuq. Il-qorti tqis illi l-kjamata in kawża tat-terzi elenkati mis-soċjetà rikorrenti għandha tiġi ordnata u dan sabiex tiġi evitata l-moltipliċità tal-kawzi u anke għall-integrità tal-ġudizzju.

»Għal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tordna l-kjamata in kawża ta' *Madra Marine Co. Ltd*, il-Kaptan Ali Yilmaz u *Jupiter Shipping and Trading Limited*, li jkollhom għoxrin ġurnata min-notifika tal-atti sabiex jippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom.

»Spejjeż riservati għall-vertenza [*recte*, sentenza] finali.«

5. Il-kuraturi appellaw minn dan id-dikriet b'rikors tal-11 ta' April 2017, wara li ngħataw fakoltà jagħmlu hekk kif igħid u jrid l-art. 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-aggravji ġew imfissra hekk:

»Is-soċjetà attriċi talbet il-kjamata fil-kawża tal-imsemmija *Madra Marine Co. Ltd*, il-Kaptan Ali Yilma u *Jupiter Shipping and Trading Limited* sabiex tissana l-azzjoni tagħha u/jew biex tissostitwixxi lill-bastiment intimat f'din il-kawża, u dan peress li l-qrati maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu u jittrattaw il-kawża fl-ismijiet premessi.

»**Nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin**

»L-azzjoni kif proposta mis-soċjetà attriċi hija azzjoni *in rem* in kwantu qed issir unikament kontra l-bastiment intimat. Skond l-artikolu 742B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jeżistu numru ta' istanzi li fihom azzjonijiet *in rem* huma permissibbli.

---

[2] The Yacht Shop Ltd v. Av. Christopher Chircop *nomine*, App., 16 ta' Diċembru 2016; *AWT Handels Gesellschaft mbH v.* Il-Bastiment *M/V Dimitri Poluyan et nomine*, P.A. 1 ta' Ottubru 2001.

»Il-qrati tagħna, però, espandew dwar il-liġi marittima u bbażaw l-insenjamenti tagħhom fuq il-liġi marittima Ingliża. Il-qrati tagħna kemm-il darba ikkonfermaw l-elementi li għandhom jissussistu sabiex azzjoni *in rem* tkun tista' tirnexxi. Fost oħrajn, fil-kawża *Malta Towage Limited v.* Dr Adrian Camilleri *et noe*[3], il-qorti telenka l-istess elementi u tgħid hekk:

> »"… … … il-ġurisdizzjoni hija radikata f'azzjoni ta' dan it-tip fil-każijiet meta (a) l-kreditu jaqa' taht xi *cause of action* elenkat fil-liġi; (b) l-azzjoni titressaq kontra l-vapur bħala konvenut fil-kawża; (ċ) il-vapur ikun fl-ibħra Maltin, u (d) il-vapur irid ikun ġie maqbud jew miżmum milli jitlaq minn Malta, u dawn iridu jippersistu tul l-azzjoni anke [?] jekk ma jkunx sar depożitu tal-ammont pretiż fd-qorti, u dan sabiex l-istess deċiżjoni tkun tista' tiġi esegwita kontra tiegħu … … …"

»F'din il-kawża, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet illi *stante* li:

> »"mill-fatti esposti jirriżżulta li fid-data msemmija la l-vapur u lanqas id-depożitu fil-qorti ma għadu jissussisti … għalhekk din il-qorti llum ma għandhiex ġurisdizzioni li tisma' din l-azzioni *in rem* li neċessarjament tiħtieġ il-preżenza tal-vapur f'ibħra territoriali Maltin. jew almenu, wara l-arrest tal-vapur, id-depożitu idoneu tas-somma fir-reġistru ta' din il-qorti sabiex il-vapur jitħalla jitlaq minn Malta. … … …"

»Għalhekk, huwa ċar li l-bastiment intimat, għar-ragunijiet hawn fuq spjegati, mhuwiex il-konvenut idoneu, u m'hemmx interess ġuridiku li jolqot il-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin.

»**Il-kjamat fil-kawża ma jistax jintuża sabiex jissana l-azzjoni attriċi, jew sabiex jissostitwixxi l-intimat**

»Illi in tema legali din il-qorti [?], għar-rigward tal-istitut tal-kjamata fil-kawża, tagħmel referenza ampja għas-sentenza mogħtija minn din il-qorti fis-sentenza fl-ismijiet Teresa armla Cilia *v.* Vincenzo Drago *et* deċiża fit-3 ta' Frar 1960, kif ukoll għall-każistika hemm indikata. F'dik is-sentenza, din il-qorti, wara li rribadiet il-prinċipju li l-fondament tal-istitut tas-sejħa fil-kawża huwa l-interess li l-persuna jkollha fl-eżistu tal-ġudizzju, osservat hekk:

> »"Illi huwa minnu li ġie ħafna drabi deċiż minn dawn it-tribunali li l-kjamata in kawża mhix ammissibbli meta l-interess tal-persuna li għandha tiġi kjamata kien jeżisti mill-bidu tal-proċediement, imma ġurisprudenza lokali altrettantu awtorevoli, bażata fuq studju aktar penetrattiv tal-istess ġurisprudenza relativa, affermat li dak il-prinċipiu li ġie fuq enunzjat huwa sod u veru meta l-konvenut iniziali jkun persuna assolutament estranea u ma ikollu ebda interess fil-kawża għar-raġuni loġika li f'każi simili bil-kjamata jkun hemm sostituzzioni tal-konvenut mill-persuna kiamata, mentri jekk il-konvenut inizjali, għalkemm ma jkunx l-uniku interessat, fil-fatt ikollu wkoll interess fil-kawża, l-istess kjamata ta' interessati oħra mal-konvenut inizjali u oriġinarju, li jkollu interess, il-proċedura invokata ma tkun qiegħda tapporta ebda sostituzzjoni, imma biss reintegrazzjoni tal-proċess u kwindi l-istess hija permessa u sostenibbli … … …"

3 P.A., 12 ta' Ġunju 2012.

»F'dan il-każ jirrizulta ċar li l-bastiment intimat m'għandu u ma jista' jkollu ebda interess fil-proċediment odjern *stante* li ma teżisti ebda ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin, u dan anke *prima facie* u *ex admissis* mill-istess soċjetà attriċi … … …

»… il-qorti ma tista' qatt tippermetti l-liberalità tas-soċjetà attriċi li tissana l-azzjoni *in rem* tagħha billi ddaħħal fil-kawża persuni oħra biex tissana n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-bastiment intimat.

»Fid-dikriet tagħha, l-ewwel qorti ddeċidiet li l-azzjoni *in rem* u l-azzjoni *in personam* jistgħu jkunu misti f'azzjoni wahda, u kien għalhekk li laqgħet it-talba tas-soċjetà attriċi għall-kjamata fil-kawża.

»Madankollu, b'kull rispett, dan mhuwiex il-kaz f'din il-kawża. L-azzjoni kif intavolata hija azzjoni *in rem*, li ma tistax tiġi żnaturata u konvertita f'azzjoni *in personam* kontra terzi mhux ċitati fil-ġudizzju mill-bidu, sempliċement biex il-kawża li saret ħażin tiġi salvata … L-oġġezzjoni tal-esponenti kienet tikkonċerna l-fatt li, fil-jum tal-preżentata tal-kawża odjerna, din l-onorabbli qorti diġà ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tisma' l-kawża *stante* li, *ex admissis*, il-bastiment ma kienx jinsab fl-ibħra Maltin.

»Illi tenut kont tal-fatt li s-soċjetà attriċi kienet ben konoxxenti ta' dan il-fatt, u li għalhekk kellha tintavola proċeduri fil-konfront ta' persuni oħra, is-soċjetà attriċi għażlet li tintavola l-azzjoni tagħha fil-konfront tal-bastiment intimat, li fil-konfront tiegħu l-qrati tagħna m'għandhomx ġurisdizzjoni.«

6. Essenzjalment l-argument tal-bastiment appellant huwa illi l-ewwel qorti kien imissha l-ewwel iddeċidiet l-eċċezzjoni dwar ġurisdizzjoni. Jekk tintlaqa' dik l-eċċezzjoni – kif l-appellant jgħid li għandha tintlaqa' – il-kawża tieqaf hemm u ma jkun jista' jsir xejn aktar, lanqas sejħa fil-kawża. Bit-talba għas-sejħa fil-kawża l-attriċi qiegħda tfittex li tagħti ġurisdizzjoni lill-qorti billi jissejħu fil-kawża persuni soġġetti għal dik il-ġurisdizzjoni flok il-bastiment li, igħid l-appellant, ma huwiex soġġett għal dik il-ġurisdizzjoni. Dan – ikompli jgħid l-appellant – huwa ħażin għal tliet raġunijiet: i. għax ladarba l-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni lanqas ma għandha ġurisdizzjoni biex tordna sejħa fil-kawża; ii. għax is-sejħa fil-kawża ma tistax isservi biex tinbidel il-persuna tal-konvenut – fil-każ tallum, biex flok il-bastiment li ma huwiex soġġett għall-ġurisdizzjoni jidħlu persuni oħra li kontriehom tista' titkompla l-kawża

– u iii. għax bis-sejħa fil-kawża u l-bidla fil-persuna tal-konvenut l-azzjon tinbidel minn waħda *in rem* għal waħda *in personam*.

7. Nibdew bit-tieni argument, dak li jgħid illi bis-sejħa fil-kawża ma tistax tinbidel il-persuna tal-konvenut. Għalkemm igħid sew il-bastiment appellant illi l-ġurisprudenza hija fis-sens illi ma tistax tinbidel il-persuna tal-konvenut, illum, wara l-emendi għall-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, huwa dubbjuż kemm tista' tibqa' tinżamm din il-posizzjoni assoluta. L-art 175(1) illum igħid hekk:

> »**175.** (1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.«

8. Huwa minnu illi l-każ tallum ma huwiex dwar talba taħt l-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda dan l-artikolu qiegħed jiġi ċitat biex juri illi l-kunċett ta' bdil ta' parti – kif jiġri meta tinbidel il-kwalità li fiha parti tidher – ma huwiex xi ħaġa assolutament vjetata kif tqisu l-ġurisprudenza ta' qabel ma saru l-emendi fl-art. 175.

9. Barra minn hekk, f'dan l-istadju bis-sejħa ta' terzi fil-kawża ma tinbidilx il-persuna tal-konvenut iżda biss jiżdiedu konvenuti oħra ma' dak li hemm illum. Huwa minnu illi, jekk 'il quddiem tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni fuq il-bastiment, eventwalment jista' jinbidel il-konvenut, iżda, kif rajna, din ma hijiex xi ħaġa assolutament vjetata.

10. Ukoll, is-sejħa fil-kawża ma hija sejra tkun ta' ebda preġudizzju għall-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisidzzjoni. Jekk tintlaqa' dik l-eċċezzjoni l-bastiment jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju u l-kawża, safejn magħmula kontra l-bastiment, tieqaf hemm. Huwa minnu illi titkompla kontra l-konvenuti msejħa fil-kawża iżda l-interess ġuridiku tal-bastiment fl-eċċezzjoni huwa n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni fuqu, mhux fuq persuni oħra: il-bastiment ma għandu ebda interess ġuridiku jikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-qorti fuq persuni oħra.

11. Il-bastiment igħid ukoll illi jekk tintlaqa' t-talba għas-sejħa fil-kawża dan jibdel in-natura tal-azzjoni minn waħda *in rem* għal waħda mista, u wkoll, jekk eventwalment tintlaqa' l-eċċezzjoni tiegħu dwar nuqqas ta' ġurisdizzjoni, f'waħda purament *in personam*.

12. Huwa minnu li bis-sejħa fil-kawża l-azzjoni ssir waħda mista u, jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni dwar ġurisdizzjoni, issir biss *in personam*. B'hekk iżda l-azzjoni ma tiġix "żnaturata" kif igħid l-appellant. Jekk l-azzjoni tkunx *in rem* jew *in personam* jiddependi aktar fuq il-persuna tal-konvenut milli fuq il-meritu tal-azzjoni; sakemm il-kawżali tkun waħda minn dawk imsemmija fl-art. 742B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – biex tkun tista' tinġieb kontra bastiment – ma hemm xejn li jżomm milli l-kawża ssir kemm kontra bastiment u kemm kontra persuni oħra fl-istess azzjoni. Dan juri li ma hemmx inkompatibilità fin-natura bejn azzjoni *in rem* u waħda *in personam*; fil-fatt, sew jekk titkompla kontra l-bastiment waħdu, sew jekk titkompla kontra l-bastiment u t-terzi msejħa fil-kawża flimkien u sew jekk titkompla

kontra l-imsejħa fil-kawża biss, l-azzjoni tibqa' waħda għall-ħlas tal-prezz ta' ħwejjeġ mibjugħa u konsenjati: il-kawżali ma tinbidilx u, jekk il-kawża titkompla wkoll kontra l-bastiment, l-azzjoni safejn tolqot il-bastiment tibqa' *in rem*.

13. Għalkemm *prima facie* seta' jidher li kien forsi jkun aktar loġiku għall-ewwel qorti li tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni qabel tiddeċiedi dwar it-talba għas-sejħa fil-kawża, fil-fatt l-ewwel qorti mxiet b'aktar għaqal għax bis-sejħa fil-kawża l-azzjoni tista' titkompla wkoll jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni fuq il-bastiment, bla ħtieġa li ssir kawża oħra mill-ġdid, kif irid il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju.

14. Inċidentalment għandu jingħad illi meta laqgħet it-talba għas-sejħa fil-kawża l-ewwel qorti ma għandhiex titqies illi impliċitament ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, għax l-art. 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid li l-eċċezzjoni ta' inkompetenza – bħal ma hi l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni – għandha tiġi deċiża b'kap għaliha, qabel jew flimkien ma' s-sentenza fuq il-meritu; ma tistax tiġi deċiża "impliċitament". Dan qiegħed jingħad biex ikun ċar li l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni għadha miftuħa, u din is-sentenza tallum ma għandhiex tiftehem bħallikieku qiegħda tilqa' jew tiċħad dik l-eċċezzjoni.

15. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, il-qorti tiċħad l-appell, tikkonferma d-dikriet li minnu sar l-appell u tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex, wara n-notifika tal-imsejħa fil-kawża, jitkompla s-smigħ..

16. L-ispejjeż tal-appell iħallashom il-basttiment appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm